**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 757/01**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Neville Xuereb)**

**vs**

**Shibani Adel Ali ta' nazzjonalita' Libjana,**
**iben Ali u Mabrouka imwieled Tripoli fl-1973 u**
**fil-pussess ta' passaport Numru 022388**

**Husam Mohamed Ali Elmezougi ta'**
**Nazzjonalita' Libjana iben Mohamed,**
**Imwieled Janzour fl-16/10/77 u fil-pussess**
**Ta' passaport Numru 002273 H 98.**

**Illum 12 ta' Dicembru, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Shibani Adel Ali u Husam Mohamed Ali Elmezougi li gew akkuzati talli f'dawn l-ahhar xhur minghajr ma nghataw permess ta' residenza nizlu l-art jew kienu Maltin minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni.

U aktar talli f'dawn l-ahhar xhur iffalsifikaw u ghamlu uzu minn sigilli, timbri, jew marki ohra li qeghdin sabiex jissiggilaw, jittimbraw jew jimmarkaw fl-isem tal-Gvern jew ta' l-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta' propjeta' pubblika jew li jkunu qeghdin taht il-kustodja pubblika u dan bi ksur ta' l-Artikolu 172 (1) u (2) u 176 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzati wkoll talli fl-istess zmien ghamlu falsifikazzjoni jew xjentement ghamlu uzu  minn xi dokument iffalsifikat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra l-piena stabbilita mil-ligi tiddikjara lill-imsemmija persuni bhala immigranti pprojbiti u tohrog Ordni ta' tnehhija kontra taghhom skond l-Artikoli 14 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni ta' l-akkuzati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat il-verbal ta' l-ufficjal prosekutur u semghet anke verbalment kemm ikkollabora Husam Muhammed Ali Elmezougi.

Tqis li tali kollaborazzjoni ghandha tittiehed in konsiderazzjoni f'ghoti tal-piena. Rat ukoll il-verbal tal-partijiet li hemm qbil li l-fedina penali ta' l-akkuzati, ghalkemm mhux esebita, hija netta.

Ghaldaqstant in vist ta' l-ammissjoni qeghda ssibhom hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u dan wara li rat l-artikolu 172(1) u (2) u l-artikolu 176 u 189 u 17 u 31 tal-Kap 9 tqis pero' li in vista ta' l-ammissjoni ghandha tapplika l-artikolu 28A tal-Kap 9. Tikkundanna lil Shibani Adel ghal sentejn habs sospizi ghal erba' snin u lil Husam Mohammed Ali Elmezougi ghal tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tliet snin.

Rat ukoll artikolu 14 u 15 tal-Kap 217 u tiddikjara lill-akkuzati bhala immigranti pprojbiti u tohrog kontra taghhom ordni ta' tnehhija b'effett mil-llum stess.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzati s-sinifikat ta' sentenza sospiza u l-obbligazzjoni taghhom taht l-istess.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.